IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum 9 ta' Dicembru, 2025

Rikors numru: BCT/59/2025

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sarsero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Shawn Farrugia

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra l-appell fejn l-appellanti ikkontesta d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 18 t' Awwissu, 2025 fejn permezz taghha l-Awtorita` imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' ghaxar elef (€10,000) u dana peress li "*fl-14 t' Awwissu, 2025 kif ukoll fil-granet u fix-xhur ta' qabel, assumejt l-ezercizzju ta' kostruzzjoni hekk kif elenkat fl-Iskeda I, minghajr licenzja valida mahruga skont ir-regolamenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.09".*

Illi permezz tal-appell tieghu l-appellanti ressaq tlett aggravji senjatament:

i. Ix-Xogholijiet kienu necessitati sabiex jigi evitat periklu jew hsara
ii. Avviz monk

iii. Multa eccessiva

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorita` appellata qeghda umilment tissottometti li kwakunkwe decizjoni mehuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*
2. *Illi qedghin jkunu annessi u mmarkati bhala Dok A 'Trial of Event'u bhala Dok B sett ta' ritratti*
3. *Illi minn dak intavolat jidher car li l-Awtorita kienet korretta fl-evalwazzjoni taghha, liema ser jkun sostnut fiktar dettall waqt it-trattazzjoni ta'dan il-kaz.*
4. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qieghda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*
5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra d-dokumenti anness mal-istess risposta tal-Awtorita` senjatament Trail of events u ritratti.

Ra l-affidavits ta'Elton Caruana, Shawn Farrugia u Adam Pace u wkoll dak tal-ufficjal tal-Awtorita` Lewis Grech.

Ra li waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru, 2025 il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi xi jressqu u l-appell thalla ghas-sentenza ghall-lum.

Ikkunsidra

Illi mill-aspett prettament legali, ir-regolament 3 tal-Ewwel Taqsima tal-LS 623.09 jipprovdi testwalment li

(1) L-eżerċizzju ta' kwalunkwe attivitajiet ta' servizz stipulati fl-Iskeda 1 ma għandux jitwettaq minn kwalunkwe persuna jew entità sakemm l-imsemmija persuna jew entità ma tkunx kisbet liċenzja valida għall-eżerċizzju ta' tali attività ta' servizz.

Ghandu jigi kkunsidrat li l-livell ta' prova mehtiega minn dan it-Tribunal m'hijiex wahda li teskludi kull dubbju ragjonevoli. Fil-fatt jinsab deciz illi:

Minkejja li dan it-Tribunal ma huwiex forum kriminali fejn l-oneru ta' prova għandu jkun mingħar ebda ombra ta' dubju, huwa xorta mistenni li jkun hemm l-konvinċiment u provi sostanzjali li fuq bażi ta' probabilita' jindikaw li dak il-fatt sar. (decizjoni minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut datata 5 ta' Diċembru, 2023 Rikors numru: BCT/43/2023 **James Dalli Vs Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni**)

Illi bl-istess mod jinsab deciz li fl-ambitu ta' proceduri quddiem tribunal amministrattiv bhal dak odjern:

Dan it-Tribunal mhuwiex tal-fehma illi multi amministrattivi ta' dan it-tip ghandhom jigu trattati daqs li kieku kienu multi inflitti wara process kriminali u ghaldaqstant l-oneru tal-prova dwar dak allegat jibqa' regolat bir-regoli procedurali fil-kamp amministrattiv, u cioe`, li l-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli. (deciza mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fit-13 ta' Gunju 2017 Rikors Numru. 158/2013 fl-ismijiet **Kenneth Vassallo Vs Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**).

Illi ghaldaqstant jinkombi fuq l-Awtorita` li tipprova li l-appellanti kien qieghed iwettaq xi xoghol skont liSkeda I tal-LS623.09, tenut kont tal-fatt li permezz tal-appell tieghu, l-appellanti ma jikkontestax il-fatt li huwa ma kienx munit b'licenzja valida ghal dan l-iskop.

Illi r-regolament LS 623.09 tipprovdi s-segwenti definizzjoni tat-terminu kuntrattur:

"kuntrattur" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-Att, u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha tirreferi għal-persuna fiżika jew entità li tintrabat jew tkun ikkuntrattata sabiex twettaq xi waħda mill-attivitajiet ta' servizz elenkati fl-Iskeda I

L-iskeda I tipprovdi:

L-attivitajiet ta' servizzi li għalihom hija meħtiega liċenzja:

(a) demolizzjoni;

(b) skavar u piling;

(ċ) kostruzzjoni;

F'dan ir-rigward, l-appellanti jikkontendi tramite l-ewwel aggravju tal-appell tieghu li:

"*L-attivitajiet li ghalihom hija mehtiega licenzja huwa dawk ta' demolizzjoni, skavar u piling u kostruzzjoni, Maghdud ma' dak li ntqal qabel, l-appellanti jirrileva illi x-xogholijiet li kienu ghaddejjin fis-sit in kwistjoni nhar l-14 t'Awwissu, 2025 ma kienu l-ebda minn dawn u allura ma kienx jehtieg in-necessita`tal-licenzja.*"

F'dan ir-rigward l-appellanti stess xehed is-segwenti:

Nghid illi lejn l-ahhar ta' Marzu, 2025, jien kont waqaft mix-xogholijiet kullimkien ilghaliex kont sibt xoghol differenti u ma geddidtx il-licenzja. (...)
Nispjega illi bejn il-bidu ta'Awwissu, 2025 kien ikkuntatjani il-Perit inkarigat mis-sit ta'Hal-Tarxien u qalli li s-sid tal-proprjeta` kien talbu javzani biex nisbarazzaw is-sit minn construction waste li konna hallejna minn Marzu. Nghid li jiena kont tlabt lil Elton Caruana biex imur jisbaraza hu ilghaliex dak iz-zmien ma stajtx immur jien u hu accetta.

Ikompli jghid ukoll li meta gie ikkuntatjat mill-ufficjal tal-Awtorita`: "*Jiena kont infurmajtu li kien qed isir xoghol ta' tindif u c-chaser kien qed jintuza biex jqattghu xi knatan halli jithaffef il-garr. Nerga'nghid illi jiena kont waqaft minn kull sit li kont involut fih minn Marzu tas-sena 2025 u ma ergajtx hdimt fil-kostruzzjoni.*"

Il-Perit Adam Pace jikkonferma li kkuntatja lill-appellanti biex "*imur inaddaf u jisbarazza s-sit in kwistjoni ilghaliex kienu hallew xi construction waste fuq is-sit.* (…) *fl-istess waqt jien kont, bhalma naghmel dejjem, avzajt lill-bennej u cioe` lil Shaun Farrugia sabiex jekk kien hemm xi strutturi ta'periklu, dawn jigu mitigati.*"

Xehed ukoll Elton Caruana li, permezz tal-affidavit tieghu, filwaqt li jikkonferma l-verzjoni tal-appellanti dwar l-inkarigu moghti lilu, jistqarr:

> *L-affarijiet li kien hemm x'jigi sbarazzat kien terrapien, diversi knatan jigru fin-nofs, kien hemm xi ghodda li hallejna hemm. Nghid illi certa knatan konna qed naqsmuhom min-nofs bix inkunu nistghu ingarruhom bínqas tbatija.*"

Dawn ix-xhieda ma gewx kontro-ezaminati.

Min-naha l-ohra ix-xhieda tal-ufficjal tal-Awtorita` hija limitata ghall-konferma tat-*trail of events* ezebit fejn jinghad ukoll, tramite l-affifdavit tal-istess ufficjal Lewis Grech illi "*An insoection was carried out, and building works were found in progress. Two (2) foreign workers were on site and immediately stated that they do not speak English, and to phone their boss. No licenced mason was present on site. The contractor listed in the Responibility form for Building and Demolition was not licensed and did not hold a Mason licnese.*"

Ghat-Tribunal din ix-xhieda tal-ufficjal taghha mhijiex wahda sufficjenti sabiex teghleb l-oneru tal-prova imqieghed fuq l-Awtorita`. Filwaqt li l-appellanti jikkontesta kjarament permezz tal-ewwel aggravju tieghu li x-xoghol li kien qed jigi imwettaq fis-sit ma kienx tali li jinkadra ruhu taht l-iSkeda I li tehtieg l-licenzjar relattiv, u jissostanzja l-istess anke tramite xhieda li ma gewx kontro-ezaminati, l-affidavit tal-ufficjal tal-Awtorita` ma jipprovdi ebda dettall dwar liema 'building works' sab ghaddejjin fuq is-sit bil-konsegwenza li minn tali xhieda it-Tribunal ma jistax jiddetermina jekk, imqar skont l-Awtorita`, tali xoghol fuq is-sit kienx tali li jinnecessita l-licenzja skont il-ligi.

Illi huwa car mis-surreferit li, l-imputazzjoni sollevata kontra l-appellanti kienet tehtieg prova cara min-naha tal-Awtorita` li, skont ir-reg 3 tal-Ewwel Taqsima tal-LS 623.09, l-appellanti stess kien dik il-persuna imqabbda sabiex twettaq *L-eżerċizzju ta' kwalunkwe attivitajiet ta' servizz stipulati fl-Iskeda I* . Il-provi kollha li ghandu quddiemu t-Tribunal jindikaw li x-xoghol li kien qed isir fuq is-sit fid-data tal-ispezzjoni kien wiehed limitat ghal tindif li, minnu nnifsu, mhuwiex tip ta' xoghol li jehtieg licenzja skont l-iSkeda I. Ghandu ragun allura l-appellanti meta jikkontendi tramite l-ewwel aggravju tieghu illi "*ix-xogholijiet li kienu ghaddejjin fis-sit in kwistjoni fl-14 t'Awwissu, 2025 ma kenux l-ebda minn dawn* (demolizzjoni, skavar u piling, u kostruzzjoni) *u allura ma kienx jehtieg in-necessita`tal-licenzja.*"

It-Tribunal ghaldaqstant isib li l-ewwel aggravju kif sollevat mill-appellanti ghandu mis-sewwa u huwa kwindi sufficjenti sabiex l-appell odjern jigi milqugh. Fic-cirkostanzi huwa ser jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-aggravji sollevati.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq qiegħed jilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti, jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet aggravji u kwindi qieghed jilqa' appell u jhassar u jirrevoka d-decizjoni datata appellata datata 18 t' Awwissu, 2025.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sarsero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru